7 ta' Frar, 1949.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Giovanni Saliba et. *versus* Angelo Grech

**Promessa ta' Dota — Forma — Preskrizzjoni — Donazzjoni — Pensjoni — Annwalità — Art. 1277 u 2261 (f) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Meta azzjoni hija diretta għall-kundanna tal-konvenut biex dan jaddirjeni għall-att meħtieġ għall-kostituzzjoni ta' dota minnu promessa, il-preskrizzjoni applikabili għal dik l-azzjoni hija l-preskrizzjoni ta' 30 sena.*

*Promessa ta' dota li saret mingħajr kitba ma tiswiex jekk għandha bħala oġġett tagħha beni stabili; imma jekk u sa fejn tikkomprendi beni mobili, jew xi pensjoni jew annwalità, dik il-promessa tiswa anki jekk saret mingħajr kitba.*

*Il-promessa ta' donazzjoni ma hix suxxettibili ta' eżekuzzjoni forzuża; imma promessa ta' dotazzjoni hija suxxettiva ta' dik l-eżekuzzjoni, għaliex id-dota mhix sempliċi donazzjoni, billi l-missier huwa obligat li jiddota lil bintu skond il-mezzi tiegħu.*

Il-Qorti—Rat l-att taċ-ċitazzjoni ta' l-atturi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Għawdex fil-Kompetenza Superjuri bħala Qorti Ċivili, li bih ippremettew illi fl-okkażjoni taż-żwieġ ta' l-attriċi Coronata ma' l-attur Giovanni Saliba, li sar fil-11 ta' Frar 1941 (dok. A), il-konvenut missierha wegħidha b'titolu ta' dota maħżen terran fi Triq Hida, in-Nadur, ikkonfinat min-nofsinhar mat-triq, il-punent ma' beni ta' Salvatore Grech mil-lvant ma' beni ta' Francesco Portelli, u mit-tramuntana ma' beni ta' Salvatore "Iż-Żajżu", u l-annwalità ta' £9 kull sena; u billi sal-lum il-konvenut, għalkemm li ġie interpellat, ma ħasebx biex jassenja lill-attriċi bintu d-dota li huwa wegħidha; premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u l-provvedimenti opportuni, talbu li l-konvenut jiġi kundannat jersaq fuq att publiku meħtieġ, illi in forza tiegħu jassenja lill-attur Giovanni Saliba għal martu Coronata neè Grech il-beni fuq indikati illi huwa kien wegħidhom bħala dota fl-okkażjoni taż-żwieġ tagħhom; billi għal dana l-oġġett jiġi nominat nutar biex jirċievi l-att meħtieġ u kuratur biex jirrappreżenta lill-kontumaċi fuq dana l-att. Salv kwalunkwe dritt u azzjoni oħra, speċjalment għall-iskadenzi arretrati ta' l-annwalità fuq indikata; bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-24 ta' Settembru 1946;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fil-11 ta' Gunju 1948, fejn laqgħet it-talba ta' l-atturi u kkundan-

nat lill-konvenut jersaq fuq l-att publiku meħtieġ illi in forza tiegħu jassenja lill-attur għal martu l-attriċi l-maħżen fi Triq Hida, in-Nadur, u annwalità ta' £9 kull sena, illi huwa kien wegħidhom bħala dota fl-okkażjoni taż-żwieġ tagħhom, u għal dana l-fini innominat lin-Nutar Francesco Refalo biex jirċievi l-att opportun u lill-Avukat Dr. Paolo Mercieca bħala kuratur biex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi; bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi fuq l-annwalità l-atturi huma korroborati............;
illi l-istess jingħad għal dak li jirrigwarda l-maħżen...........;
illi anki jekk l-attur irrinunzja għad-dota, ħaġa li ma rriżultatx, l-attriċi ma għamlet l-ebda rinunzja;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġu riġettati t-talbiet ta' l-atturi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-gravami ta' l-appellanti huma :— (1) Illi l-promessa tad-dota mhijiex suxxettibili ta' eżekuzzjoni speċifika, u għalhekk l-azzjoni kif proposta hija irritwali; (2) illi d-dota promessa għandha in parti bħala oġġett stabili, u għalhekk mahijiex valida skond l-art. 1277 tal-Kodiċi Ċivili; (3) illi l-azzjoni preżenti hija personali, u għalhekk milquta bil-preskrizzjoni ta' ħames snin;

Fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, hija regola sanċita fl-art. 2248 tal-Kodiċi Ċivili illi l-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti, jaqgħu bil-preskrizzjoni ta' 30 sena; liema dispożizzjoni hija r-regola ġenerali, salvi l-eċċezzjonijiet, sew għall-beni fedekommissarji, jew li jappartjenu lill-knejjes jew xi istituzzjoni pija; u salvi wkoll l-eċċezzjonijiet stabbiliti mill-liġi stess f'dawk l-artikoli fein huma trattati u preveduti preskrizzjonijiet partikulari, u għalhekk ta' żmien qasir. L-appellant issottometta illi fil-każ hija applikabili l-preskrizzjoni kontemplata fl-art. 2261 (f) tal-Kodiċi Ċivili, ċjoè l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma

jkunx jaqa' taħt preskrizzjoni aqsar, jew il-kreditu ma jkunx jirriżulta minn att publiku. Dak l-artikolu jikkontempla l-każijiet ta' krediti għaċ-ċnus, għar-renditi perpetwi jew vitalizji, ta' interessi fuq ċnus bollali, ta' pensjoni għall-alimenti, għall-ħlas ta' kera, għal ħlas ta' interessi, għal somom dovuti għal self, jew pagabili annwalment, għar-restituzzjoni ta' mutwi; u mbagħad tgħid dik is-sezzjoni fejn jingħad "għal ħlas ta' kull kreditu ieħor.............." Dik il-kelma "ieħor" turi biċ-ċar illi l-leġislatur qiegħed jikkonnetti din id-dispożizzjoni mas-sezzjonijiet preċedenti, fejn huma indikati krediti speċifiċi, u għalhekk dak il-kreditu għandu jkun "ejusdem generis" skond ir-regola komunement aċċettata fil-ġurisprudenza. U kif il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu rriteniet in re "Spiteri vs. Petrocochino et." fid-9 ta' Jannar 1919 (Kollez. Vol. XXIV—III—733), "con questa disposizione di legge (l-artikolu in kwistjoni), dopo avere nel secondo paragrafo dell'articolo 1880 della detta Ordinanza abrogato l'articolo 212 dell'Ordinanza no. XIII del 1857, ha inteso colpire le azioni tendenti a reclamare ogni credito, qualunque ne fosse la causa"; u għalhekk f'dik il-kawża ġie ritenut illi l-azzjoni pawljana ma tistax taqa' taħt dik il-preskrizzjoni";

Għalhekk minn dan jidher illi dik id-dispożizzjoni ma tistax tikkolpixxi l-azzjoni preżenti, għaliex l-atturi mhumiex qegħdin jitolbu l-ebda ħlas ta' kreditu, imma qegħdin jaġixxu biex il-konvenut ikun obligat illi jaddivjeni għal att publiku neċessarju għall-kostituzzjoni tad-dota illi huma jippretendu li kien wegħidhom; u dik il-preskrizzjoni tibqa' għaż-żmien stabbilit mir-regola ġenerali fuq enunċjata, ċjoè ta' 30 sena;

Tikkunsidra;

Illi in kwantu l-atturi jippretendu illi dik il-promessa kellha wkoll bħala oġġett il-maħżen in-Nadur, Triq Hida, ġie deċiż minn din il-Qorti reċentement in re "Carmelo Azzopardi vs. Giuseppe Buttigieg" fit-22 ta' Diċembru 1948, illi l-promessa ta' dota ma tistax ikollha bħala oġġett stabili, għar-raġunijiet hemm indikati illi l-Qorti tagħmel riferenza għalihom; speċjalment għaliex hemm ostakolu fl-art. 1277 (a) fil-każ ta' proprjetà u inċiż (e) fil-każ ta' inkwilinat. Peress

dan il-każ in riferenza għal dak il-maħżen huwa identiku, għandhom ikunu applikati l-istess raġunijiet ;

Tikkunsidra ;

Illi fuq l-ewwel aggravju, veru huwa illi fil-każ ta' donazzjoni sempliċi, dik ma tkunx suxxettibili ta' eżekuzzjoni forzata, kif ġie ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti *Ċivili* tal-Maestà Tiegħu in re "Bugelli vs. *Gatt*" fit-2 ta' Mejju 1928 (Kollez. Vol. XXVII—II—79), liema prinċipju ġie ankì adottat minn dina l-Qorti fis-sentenza riportata fil-Kollez. Vol. XXIX—I—373. F'dana l-każ però l-promessa, jekk saret, mhijiex ta' sempliċi donazzjoni, iżda ta' dota, u għalhekk hija suxxettibili għall-eżekuzzjoni forzuża, peress illi l-missier huwa skond *il-liġi* obligat, *skond il-mezzi tiegħu*, li jiddota t-tifla ;

Tikkunsidra ;

Illi fuq dik il-promessa, għalkemm il-provi huma konfliġġenti *ħafna, iżda, kif tajjeb irriteniet* l-Ewwel *Qorti*, l-attriċi tidher korroborata.............. ;

Għalkemm ma jirriżultax mill-atti liema beni jippossjedi l-*konvenut, iżda huwa fatt illi huwa ta* £100 lil tlieta mit-tfal tiegħu, u jallega, apparti huwiex veru jew le, illi huwa silef £100 lill-attriċi. Għalhekk is-somma ta' £9 fis-sena, skond ix-xhieda ta' Rita Grech, ma tidherx eżaġerata. U mbagħad, jekk il-konvenut ipprometta dik id-dota, vwoldiri waqt ħajtu huwa kapaċi biex iħallasha ;

Għal dawn ir-raġunijiet ;

1. Tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, bl-ispejjeż kontra l-appellant ;

2. T*ilqa' l-appell tal-konvenut fil-meritu, tiddeċidi u tid*dikjara illi kwalunkwe promessa pretiża magħmula mill-konvenut in riferenza għall-istabili indikat fiċ-ċitazzjoni hija nulla, peress ma kienx hemm skrittura ; u għalhekk, in riferenza għall-maħżen fin-Nadur imsemmi fiċ-ċitazzjoni, tirrespinġi t-talba ta' l-atturi bl-ispejjeż relativi taż-żewġ istanzi ; kontra l-istess atturi ;

3. Tirrespinġi dik l-eċċezzjoni tan-nullità in kwantu tirriferixxi għall-pensjoni ta' £9 fis-sena, u tiddikjara illi l-kon-

venut ipprometta li jagħti dota lill-attriċi s-somma ta' £9 fis-sena tul ħajtu; u għalhekk, in riferenza għal din il-pensjoni ta' £9 fis-sena, tikkonferma s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fis-sens biss fuq premess; l-ispejjeż taż-żewġ istanzi relativi jitħallsu in kwantu għal 11/12 mill-konvenut u in kwantu għal 1/12 mill-atturi, u tordna illi l-kuntratt ordnat mill-Ewwel Qorti, in riferenza biss għall-pensjoni ta' £9 fis-sena, jiġi publikat fit-28 ta' Frar 1949, fl-10 a.m., fl-uffiċċju tan-Nutar Francesco Refalo, li minnu għandu jiġi publikat bil-Malti, u bl-assistenza tal-kuratur nominat mill-Ewwel Qorti;

U għalhekk tirriforma s-sentenza li minnha hemm dana l-appell;

L-ispejjeż tal-kuntratt jitħallsu mill-konvenut appellant